MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Numru. 232/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Carmela Sultana**
**Luigi Sultana**

Kaz Numru: 232/2013

Illum 29 ta' April 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra

**Carmela Sultana**, bint Giovanni Cassar u Giuseppa neé Sultana, imwielda fis-17 ta' Lulju 1933, u residenti fil-fond numru 22, Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 54433(G)

u

**Luigi Sultana**, bin Guzeppe u Rosa neé Said, imwieled fit-13 ta' Dicembru 1920, u residenti fil-fond numru 22, Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 70720 (G)

akkuzati talli fi zmien li jaqa' bejn is-26 ta' Marzu 2013 u l-31 ta' Marzu 2013 fi Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex:

1. bi hsieb li jerzercitaw dritt li jippretendu li ghandhom fixklu lil Emanuel Cremona fil-pussess ta' hwejgu meta ghalqu l-entratura ta' l-ghalqa tieghu li tinsab fi Triq Mannar, Xaghra b'hajt tas-sejjiegh u xatba u eskludewh mill-godiment liberu ta' hwejgu.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, minbarra l-piena applikabbli, tordna wkoll illi jitnehha kull haga li huma ghamlu bi ksur tad-drittijiet tal-kwerelant.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u mill-kwerelanti.

Semghet lill-imputata tixhed minn jeddha u b'mod volontarju.

Rat li l-imputat Luigi Sultana ma xehedx.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati tressqu quddiem din il-Qorti fuq ir-reat ta' *ragion fattasi*. Jirrizulta li l-kawza tikkoncerna hajt tas-sejjiegh u xatba li allegatament saru mill-imputati. In sostenn ta' dan, fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013, gew ezebiti numru ta' ritratti li gew mmarkati bhala Dok. "KM 6" u Dok. "KM 7".

Illi, f'dan l-istadju, il-Qorti tinnota, minghajr tlaqlieq ta' xejn, li ma jirrizulta li kien hemm l-ebda involviment da parte tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti issa ser tghaddi biex tikkunsidra jekk l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata gietx pruvata. Da parte tieghu, il-kwerelant Emanuel Cremona xehed li kienet l-imputata Carmela Sultana li qabdet lil xi hadd biex jibni l-hajt in kwistjoni. Da parte taghha, l-imputata, meta xehdet

quddiem il-Qorti, cahdet li hija qabdet lil xi hadd biex jibni l-hajt. Xehdet li ma tafx min bena tali hajt.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Georgina Gauci**, deciza fis-7 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "[F]il-ligi taghna r-reat ta' *ragion fattasi* mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' izda bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra".

Illi l-Qorti tinnota li huwa ormai stabbilit li l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi*, huma erbgha, u cioé:

> "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor;
>
> (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;
>
> (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino,

1895, Vol. VI, pagna 749, *'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'*); u

(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, *del resto*, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008, il-Qorti sahqet is-segwenti:

"Ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak ta' delitt ta' uzu mill-privat kontra l-ligi tas-setghat ta' l-

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996.

> Awtorita` Pubblika. Ghas-sussistenza ta' l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali bazikament dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-kwerelanti kellux pussess tutelabbli tal-passagg, li seta' jikkonsisti sew minn pussess materjali, sew minn wiehed ta' detenzjoni. Ara **Il-Pulizija vs. George Zahra**, Appell Kriminali, 16 ta' Lulju, 1958".

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li minhabba l-hajt tas-sejjiegh u x-xatba li saru, il-kwerelant gie eskluz milli jidhol fejn huwa kellu l-pussess. M'huwiex il-kompitu tal-Qorti tara jekk il-proprjeta' in kwistjoni hijiex tal-kwerelant *stante* li, kif diga nghad hawn fuq, ghall-finijiet tar-reat ta' *ragion fattasi* huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

Illi minkejja li meta xehdet quddiem il-Qorti, l-imputata cahdet li hija qabdet lil xi hadd biex jibni l-hajt in kwistjoni, fl-affidavit tieghu (Dok. "A" – ezebiet fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013), PS 73 Josef Camilleri qal hekk: *"Nhar il-31/03/2013 ghal habta ta' 16.15hrs mort fi Triq Munxar, Xaghra, Ghawdex, fejn iltqajt ma' Carmela Sultana fejn irraportatli li f'entratura ghal ghalqa li tinsab f'11, Triq Mannar, Xaghra, kienet ghamlet gate/bieba […]. Kompliet tghid li kienet bniet xi hitan tas-sejjiegh li kien kisser l-imsemmi Emanuel Cremona"*.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li effettivament gie pruvat li bl-agir taghha l-imputata Carmela Sultana kkomettiet r-reat ta' *ragion fattasi* fil-konfront tal-

kwerelant. Ghaldaqstant, ser tinsab htija fil-konfront tal-imputata ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat Luigi Sultana hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata Carmela Sultana hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannha multa ta' mitejn Euro (€ 200.00).

*In oltre*, il-Qorti, tordna lill-imputata tnehhi kull haga li ghamlet bi ksur tad-drittijiet tal-kwerelant fiz-zmien xahar mil-lum, f'kaz li tali haga ghadha hemm, u f'kaz li dan ma jsehhx, tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinsab hatja, ammenda ta' ghaxar ewro (€10.00) ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------